# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2013/248/PESK

**tad-29 ta’ Mejju 2013**

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta’ Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-15 ta’ Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(2) Il-Kunsill iqis li persuna waħda u żewġ entitajiet għandhom jitneħħew mil-lista ta’ persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi kif stabbilit fl-Anness tad-Deċizjoni 2012/642/PESK.

(3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa b’dan emendat kif previst fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, id-29 ta’ Mejju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. BRUTON

[1] ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

*ANNESS*

Il-persuna u l-entitajiet li ġejjin jitħassru mill-Anness tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK:

(1) Persuna

Shadryna, Hanna Stanislavauna

(2) Entitajiet

(a) The Spirit and Vodka Company Aquadiv (Kumpannija tal-Ispirti u l-Vodka Aquadiv)

(b) Sport-Pari